MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 88/2010

**Stefan Mifsud**
**ID No.530581-(M)**

**vs**

**Philip Farrugia**
**ID No.363882-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi jirrendi servizzi ta' artwork, designs kif ukoll printing ta' materjal promozzjonali. F'din il-kawza l-attur rrenda dawn is-servizzi u prodotti lill-konvenut kif ezebiti fid-dokumenti hawn annessi Dok. A, Dok. B, Dok. C, Dok. D u Dok. E. L-ammont totali ghal dawn is-servizzi u prodotti huwa ta' tmien mija tnejn u sittin Ewro (€862.00). Minkejja diversi talbiet ghall-hlas min-naha tal-attur, dan baqa ma sarx. Ghalhekk fir-rigward tas-suespost l-attur qed jitlob lil din l-

Onorabbli Qorti jintervjeni kif jidhrilha xieraq u tghamel dawk il-provvedimenti kollha kif jidhrilha xieraq sabiex jigi effettwat il-hlas dovut. Bl-ispejjez u l-imghax.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi l-pretensjonijiet attrici kif diretti kontra l-konvenut ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju, l-pretensjonijiet attrici kif diretti kontra l-konvenut ghandhom jigu michuda u dana stante li s-servizzi u oggetti mertu ta' din il-kawza huma affetti minn difetti li jirrendu l-oggetti mhux tajbin ghall-uzu intiz. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-ammont kif reklamat mhux dovut. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra l-kontrotalba tal-konvenut rikonvenjenti, li permezz taghha r-rikonvenjent Philip Farrugia ddikjara li jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt li jipprezenta kontro-talba kontra r-rikonvenut Stefan Mifsud; Illi r-rikonvenjent inkariga lir-rikonvenut sabiex jiddisinja artwork ta' reklam u jipprovdi printing tal-istess artwork sabiex jintuza fi struttura ossia lightbox li tinsab fil-Welcomers Lounge tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta; Illi r-rikonvenjent kera l-imsemmija light box sabiex jirreklama l-kummerc tieghu minghand il-Malta International Airport p.l.c.; Illi r-rikonvenjent hallas is-somma ta' sitt elef u tmintax-il Euro ghall-kirja ta' din il-lightbox lill-Malta International Airport plc u dan rapprezentanti kirja ta' sena ghall-imsemmija lightbox; Illi l-artwork tar-reklam u l-printing tal-istess reklam provdut mir-rikonvenut huma afflitti minn difetti li jirrenduhom mhux tajbin ghall-uzu intiz u ghaldaqstant m'humiex tal-kwalita' pattwita; Illi stante li l-artwork u l-printing provdut mir-rikonvenut ma kienx tajjeb ghall-uzu intiz u ghaldaqstant ma setghax jintuza, r-rikonvenjent sofra danni rapprezentanti t-telf ta' uzu tal-lightbox msemmija ghar-reklamar tal-kummerc tieghu ghal tlieta u ghoxrin (23) gurnata u dan rapprezentanti z-zmien mitluf sakemm ir-rikonvenjent ghamel arrangamenti alternattivi billi inkariga lil terzi sabiex jipprovdu x-xoghol li r-rikonvenut ghamel hazin; Illi tlieta u ghoxrin (23) gurnata ta' kera ta' din il-lightbox ghandhom valur ta' tlett mija disgha u sebghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu

(€379.21c); Illi l-esponenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha. Jghid ghalhekk ir-rikonvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara li d-disinn u l-printing tal-artwork imsemmi m'humiex tajbin ghall-uzu intiz u m'humiex tal-kwalita' pattwita';
2. Jiddikjara li b'konsegwenza tax-xoghol hazin pprovdut mir-rikonvenut, ir-rikonvenjent sofra danni rapprezentanti t-telf ta' uzu tal-lightbox mikrija minghand il-Malta International Airport plc;
3. Tikkundanna lir-rikonvenut ihallas lir-rikonvenjent, in linea ta' danni, is-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€379.21c).

Bl-ispejjez kontra r-rikonvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-attur rikonvenut ghall-kontrotalba tal-konvenut rikonvenjenti, li permezz taghha eccepixxa illi saru diversi talbiet ghall-hlas tas-servizzi diversi ta' artwork, disinn u printing mrendija mir-rikonvenut lil rikonvenjent, minn Settembru ta' 2009 sa issa. Nonostante dan, ir-rikonvenjent ghazel li jaqta kull komunikazzjoni ma rikonvenut, b'hekk Stefan Mifsud kellu jirikorri ghal din il-kawza. Illi l-ammont mitlub fil-kawza originali, u cioe' dak ta' tmien mija u tnejn u sittin Ewro (€862.00), jirraprezenta somma totali ta' servizzi diversi li gew immrendija lil rikonvenjent, kif murijin fid-dokumenti annessi mat-talba originali. Illi r-rikonvenjent jidher li qieghed jikkontesta biss parti minn dak mitlub mill-attur, li jirraprezenta il-hlas dovut lill-attur ghal artwork, disinn u printing tar-reklam li kellu jintwera gewwa lightbox fl-ajruport internazzjonali ta' Malta; dan jammonta ghal tliet mija u hamsa u hamsin Ewro (€355.00). Illi Philip Farrugia inkariga l-istess Stefan Mifsud biex ihejjijlu id-disinn, l-artwork u l-printing tar-reklam permezz ta' e-mail mibghuta fid-data ta' 20 ta' Awissu 2009. (Dok. A hawn anness), kif ukoll ghadda lil Stefan Mifsud l-ispecifications mehtiega tal-kwalita' tal-artwork biex din tkun tista tintwera gewwa lightbox. Illi Stefan Mifsud hadem ir-reklam skond l-istruzzjonijiet li nghata minn Philip Farrugia u skond is-sengha u l-arti tieghu. Illi r-reklam mahdum skond kif

ordna Philip Farrugia kellu nuqqas ta’ kuntrast bejn il-background u l-kliem Farell Bathrooms (Dok. B hawn anness) u Stefan Mifsud wissa l-istess fuq dan, kif ukoll offra soluzzjoni billi ddissinja reklam iehor li kien fih aktar kuntrast (Dok. C hawn anness). Illi r-rikonvenjent baqa jinsisti li tintuza r-reklam originali u in fatti r-reklam mahdum minn Stefan Mifsud intwera fil-lightbox. Illi Philip Farrugia uza l-artwork u d-disinn ta’ Stefan Mifsud u qabbad lil terzi biex tinhadem reklam iehor li dan tpogga gewwa l-lightbox xi ftit jiem biss wara li tnehhiet ir-reklam li kien hadem Stefan Mifsud. Ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti ir-rikonvenut umilment jitlob lil dan it-Tribunal;

1. Jiddikjara l-kontrotalba tal-konvenut hija fattwalment u legalment insostenibbli u ghandha tigi michuda.
2. Jiddikjara li s-somma tas-servizzi totali mrendija ta’ tmien mija u tnejn u sittin Ewro (€862.00) huma dovuti lil Stefan Mifsud.
3. Tordna l-hlas ta’ l-istess mir-rikonvenjent u tghamel dawk il-provvedimenti kollha kif jidhrilha xieraq sabiex jigi effettwat il-hlas dovut mill-aktar fis possibbli. Bl-ispejjez kontra r-rikonvenjent.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attur gie inkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta’ *artwork* u *printing*, u dan in konnessjoni ma’ reklamar ta’ merkanzija li jbiegh il-konvenut, senjatament kmamar tal-banju. Illi da parti tieghu l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenut ta’ diversi servizzi pprovduti, u dan kif jirrizulta mill-fatturi pprezentati mal-Avviz tat-Talba. Illi l-attur iddikjara illi f’Awissu 2009 hu gie inkarigat mill-konvenut sabiex ihejji artwork konsistenti f’reklam illi kellu jintuza, ossia jitqieghed f’lightbox gewwa il-Malta International Airport. Illi ghalkemm l-attur hejja u kkonsenja tali artwork lill-konvenut, dan tal-ahhar ma riedx

ihallas ghalih, ghaliex kien qed jallega li ma sarx kif miftiehem u mhux a sodisfazzjon tal-istess konvenut. Illi l-istess attur spjega kif ircieva minghand il-konvenut l-*image* li kellu jirriproduci fl-artwork, u eventwalment, wara diskussjoni bejniethom permezz tal-e mail dwar liema mill-*proofs* kien ser jaghzel il-konvenut, l-istess attur hejja l-artwork li ghazel l-istess konvenut. Illi d-diskussjoni li ghaddiet bejn il-partijiet kienet tittratta dwar xi sfond kien ser jintuza f'dik il-parti tal-artwork fejn kien hemm il-logo (emblema) tad-ditta tal-konvenut, u dan minhabba l-fatt illi l-isfond tar-ritratt kien skur, u l-emblema wkoll kienet skura, u li ghalhekk kien ser ikun hemm il-possibilita' li din ma tidhirx. Illi l-attur ikompli jghid illi hu ghamel diversi suggerimenti lill-konvenut dwar l-isfond li seta' jintuza taht il-logo, sabiex din tkun vizibbli, izda l-konvenut insista mieghu li ssir il-logo fuq l-isfond skur ghaliex ladarba l-artwork jigi installat fil-lightbox – u ghalhekk bid-dawl minn wara – il-logo kien jigi jidher sew.

Illi da parti tieghu, il-konvenut filwaqt illi kkonferma li kien inkariga s-servizzi tal-attur f'diversi okkazjonijiet sabiex jipprepara xoghol ta' artwork relattiv ghan-negozju gestit minnu, qed isostni illi mhux kuntent bis-servizz li pprovda l-attur f'dak li jirrigwarda l-artwork li kien intiz bhala reklam li kellu jigi installat fil-lightbox in kwistjoni. Illi l-ilment tal-konvenut jittratta dwar il-fatt illi l-logo (emblema) tad-ditta gestita minnu, fuq dan il-poster, ma gietx tidher bizzejjed, u dan minhabba l-fatt illi ma kienx hemm bizzejjed kuntrast bejn il-logo u l-isfond li fuqha giet riprodotta l-istess logo. Illi l-konvenut jiddikjara illi konsegwenza ta' dan, hu gie kostrett li jnehhi l-poster minn gewwa l-lightbox, u inkariga lil terzi sabiex ihejju poster iehor, li eventwalment tpoggiet fil-lightbox minflok dik imhejjija mill-attur. Illi l-konvenut qed jikkontendi illi m'ghandux ihallas ghall-artwork imhejji mill-attur, oltre illi ghandhom jigu refuzi lilu l-ispejjez ta' kera tal-lightbox li hu hallas inutilment waqt illi din kienet vojta, u cioe' ghal dak il-perjodu bejn meta nehha l-artwork li kien hejja l-konvenut u rrimpjazzah bl-artwork li hejjew terzi, fuq inkarigu tal-istess konvenut. Illi l-konvenut isostni illi hu talab lill-attur sabiex jirrimedja ghan-nuqqas ilmentat, izda li l-attur ma accettax li jaghmel dan.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni qed jintalab hlas ta' kreditu ghal servizzi rezi, filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi illi x-xoghol ma kienx tal-kwalita' pattwita, u ghalhekk ghandu jinheles mill-obbligu tal-hlas, oltre illi qed jitlob ukoll hlas ta' danni, konsistenti f'telf ta' uzu tal-lightbox li hu kien jikri fi hdan il-Malta International Airport.

Illi f'dak li jirrigwarda l-azzjoni principali, u cioe' t-talba tal-attur, irrizulta sodisfacentement illi l-ammont reklamat jittratta dwar diversi servizzi rezi mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, u li minn dawn is-servizzi, qed tigi specifikament ikkontestata l-fattura li tinsb a fol. 6 tal-atti, li tittratta dwar it-thejjija tal-artwork li kellha titpogga fil-lightbox. Illi fir-rigward tal-fatturi l-ohra, li l-valur taghhom jammonta ghal hames mija u seba' Ewro (€507.00), ma tressqet ebda kontestazzjoni mill-konvenut li dawn m'humiex dovuti, anzi ddikjara li ma wettaqx il-hlas taghhom ghaliex sofra danni konsegwenza tax-xoghol hazin imwettaq mill-attur, u mhux ghaliex ghandu xi ilment dwar dak ix-xoghol l-iehor li sar mill-attur u s-servizzi rezi minnu.

Illi jehtieg illi l-azzjoni principali tigi ttrattata fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, senjatament in kwantu l-konvenut qed jallega illi "*...s-servizzi u oggetti mertu ta' dina l-kawza huma affetti minn difetti li jirrendu l-oggetti mhux tajbin ghall-uzu intiz...*". Illi fid-dawl ta' din l-eccezzjoni, l-konvenut jaghti x'jifhem illi permezz tal-kontrotalba tieghu, kien qed jipproponi l-azzjoni redibitoria jew aestimatoria. Madanakollu, fil-kontrotalba, l-konvenut imbaghad jiddikjara illi; "*...l-artwork tar-reklam u l-printing tal-istess reklam provdut mir-rikonvenut huma afflitti minn difetti li jirrenduhom mhux tajbin ghall-uzu intiz u ghaldaqstant m'humiex tal-<u>kwalita' pattwita</u>*"" (sottolinear tat-Tribunal). Illi hawn il-konvenut johloq ftit tal-konfuzjoni dwar x'tip ta' eccezzjoni qed jissolleva u l-azzjoni li qed jipproponi, u cioe' jekk hux wahda redibitorja jew aestimatorja a bazi ta' difetti latenti, jew inkella taht il-

provvedimenti tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar kwalita' pattwita.

Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-principju illi *electa una via, non datur recursus ad alteram*. Illi tul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, u fis-sottomissjonijiet finali tieghu, il-konvenut ma elucidax dwar x'tip ta' azzjoni qed jipproponi; madanakollu, iddikjara illi; "*...meta eventwalment installajnih* (l-artwork) *is-suspett tieghi avvera ruhu fis-sens illi l-logo ma kienx jidher u ovvjament l-impatt u l-effett tal-isem intilef ghal kollox. ... Jien inkarigajt lil hadd iehor sabiex ihejjijli art work iehor*." Illi mix-xhieda mghotija, jirrizulta illi l-oggett ikkonsenjat mill-attur ma kienx konformi ma' dak miftiehem, in kwantu ma kienx jirrifletti precizament dak pretiz mill-konvenut, u ghalhekk dan l-oggett ma ntuzax mill-konvenut. Illi madanakollu, l-istess konvenut ma roddx dan il-poster lura lill-attur, tant illi kien ghadu fil-pussess tieghu waqt li kienu ghaddejjin dawn il-proceduri; izda jidher li ma giex ikkontestat mill-attur, illi l-artwork li hejja hu, tnehha fi zmien qasir wara li gie installat fil-lightbox, tant illi anke pprezenta ritratt li ha hu stess tal-artwork gdid li gie mhejji minn terzi.

Illi tali fatti jwasslu lit-Tribunal ghall-konkluzjoni illi l-azzjoni proposta mill-attur hi a bazi tal-provvedimenti tal-Artikolu 1390 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-poster ma kienx konformi ma' dak miftiehem, bil-konsegwenza illi ma setax jintuza ghall-iskop li ghalih kien gie ordnat.

Illi stabbilit it-tip ta' azzjoni proposta mill-konvenut rikonvenjenti, jehtieg illi jigi stabbilit jekk il-fatti kif esposti jinkawdrawx ruhhom fl-elementi mehtiega sabiex tali azzjoni tirnexxi. Illi rrizulta bhala stat ta' fatt illi l-artwork li hejja l-attur ghal-lightbox tnehha minn gewwa din il-lightbox mill-konvenut, u gie installat artwork imhejji minn terzi. Illi dan l-istat ta' fatt mhux ikkontestat mill-attur. Illi dwar jekk il-konvenut kienx gustifikat, o meno, li jnehhi l-artwork tal-attur mil-lightbox hija kwistjoni soggettiva; madanakollu, il-konvenut kien qed jinkariga s-servizzi tal-attur, u dan tal-ahhar kellu jaccerta illi jikkonsenja prodott / oggett li kien ser ikun a sodisfazzjon tal-klijent tieghu u

konformi ma’ dak li kien qed (ragonevolment) jintalab li jigi mhejji. Illi mid-dokumenti li gewipprezentati mill-partijiet irrizulta illi l-attur – waqt illi kien ihejji l-artwork – kellu suspetti illi l-artwork li kien qed jitlob l-konvenut ma kienx ser ikun kif jixtieqa l-konvenut, u a sodisfazzjon tieghu, f’dak li jirrigwarda kemm kienet ser tkun vizibbli l-emblema fuq il-poster, tant illi hejja u pproponilu artwork bl-isfond car, liema artwork ma giex accettat mill-konvenut. Illi tali fatt jwassal lit-Tribunal ghall-konvinciment illi l-attur kellu hjiel illi l-artwork finali, ma kienx ser ikun pjenament a sodisfazzjon tal-konvenut, tant illi pproponilu xi alternattivi. Illi ghalkemm l-attur ai fine dei conti wettaq xoghol kif rikjest mill-konvenut, madanakollu, u jekk l-istess attur kellu suspetti fondati illi l-emblema ma kienitx ser tkun sodisfacentement cara fuq sfond skur, kellu jiddikjara apertament il-preokkupazzjoni tieghu, u jitlob struzzjonijiet specifici minghand il-konvenut li ghandu jipprocedi ugwalment b’dak rikjest minnu. Illi da parti tieghu, il-konvenut jikkontendi illi mhux minnu li l-attur ghamel dawn is-suggerimenti u proposti. Illi fin-nuqqas ta’ tali kjarifika, u struzzjonijiet specifici, ix-xoghol imwettaq mill-attur fuq dan l-artwork specifiku ma kienx skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti.

Illi ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, il-konvenut kien gustifikat li ma jwettaqx hlas ghal dan l-artwork specifiku imhejji mill-attur, gialadarba dan gie mwarrab u rimpjazzat mill-konvenut. Illi dwar il-fatturi l-ohra relattivi ghal servizzi ohra rezi mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, dawn huma *ex admissis* dovuti, u ghalhekk huwa dovut l-ammont ta’ hames mija u seba’ Ewro (€507.00).

Illi jehtieg li jigi stabbilit, fl-ahhar lok, jekk id-danni reklamati mill-konvenut rikonvenjenti, konsistenti fit-telf ta’ uzu tal-lightbox fuq medda ta’ tnejn u ghoxrin (22) jum, hix gustifikata. Illi f’dan ir-rigward gew ipprezentati serje ta’ e-mails li minnhom jirrizulta illi s-socjeta’ Lighthouse Communications Limited bghatet stima tax-xoghol li kienet ser taghmel ghal artwork gdid, liema e-mail hija datata 12 ta’ Ottubru 2009 (Dok. PF 3), filwaqt illi permezz ta’ e-mail ohra datata 20 ta’ Ottubru 2009 (Dok. PF 5), l-istess socjeta’ informat lill-konvenut illi kienu ser jikkonsenjaw il-

poster nhar il-Hamis, u ghalhekk jumejn wara, fit-22 ta' Ottubru 2009. Illi giet ipprezentata e-mail ohra (Dok. PF 6), datata 30 ta' Settembru 2009 mibghuta minn persuna fi hdan il-Malta International Airport, li ddikjarat illi l-artwork imhejji mill-attur, mertu ta' din il-kawza, kien gie installat fit-30 ta' Settembru 2009. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax b'ezattezza meta tnehha l-poster imhejji mill-attur minn gewwa l-lightbox, u ghalkemm il-konvenut jaghti x'jifhem illi dan tnehha immedjatament wara li gie installat, ma jsemmi ebda data specifika f'dan ir-rigward. Illi ddikjara wkoll illi fil-frattemp, u cioe' sakemm gie kkonsenjat l-artwork mis-socjeta' Lighthouse Communications Limited, kien rega' pogga l-artwork li kien hemm originarjament f'din il-lightbox (li kien riproduzzjoni ta' Dok. SM1), u ghalhekk jidher illi din il-lightbox kienet qed tigi uzata comunque, ghalkemm jghid ukoll illi dan l-artwork li kien hemm originarjament kien gie danneggjat meta inqala', u dan fis-sens illi kien migruf.

Illi ghalhekk isegwi, illi ghalkemm mill-lightbox kien tnehha l-artwork li l-attur hejja fuq inkarigu tal-konvenut, madanakollu, mhux minnu li dan il-lightbox kien vojt u nzamm vojt ghal tnejn u ghorin (22) jum sakemm gie installat l-artwork li hejjew Lighthouse Communications Limited, kif qed jigi allegat mill-konvenut. Illi ghalhekk filwaqt illi t-Tribunal jirrikonoxxi illi tul dan il-perjodu ma kienx qed isir l-ahjar uzu possibbli minn dan il-lightbox, madanakollu, lanqas huwa minnu li din baqghet battala ghal tnejn u ghoxrin (22) jum. Illi ghalhekk, u tenut kont tal-fatt illi ma jirrizultax b'certezza meta tnehha minn gewwa l-lightbox l-artwork li hejja l-attur, u tenut kont ukoll illi sakemm gie installat l-artwork imhejji minn terzi il-konvenut kien rega' pogga l-artwork li kien hemm precedentement, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut huwa intitolat se mai ghal kumpens, stante illi ma kienx qed isir l-ahjar uzu possibbli minn din il-lightbox, liema kumpens qed jigi likwidat *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' mittejn Ewro (€200.00).

Illi jsegwi ghalhekk illi l-bilanc dovut mill-konvenut lill-attur jammonta ghal tliet mija u seba' Ewro (€307.00), u dan tenut kont tal-fatt illi kien fadal bilanc dovut mill-konvenut

lill-attur fl-ammont ta’ hames mija u seba’ Ewro (€507.00) relattiv ghal servizzi ohra rezi mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, u wara li jinqata’ l-prezz tal-artwork li kienet il-mertu ta’ din il-kawza.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa’ *in parte* t-talba tal-attur, filwaqt illi qed jilqa’ ukoll *in parte* l-kontrotalba tal-konvenut rikonvenjenti, u ghalhekk qed jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tliet mija u seba’ Ewro (€307.00), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-talba.

L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-partijiet f’sehem indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------